

EU4Health: Il-MPE jwittu t-triq għal programm tas-saħħa tal-UE effettiv



©Philippe LOPEZ/AFP

Il-MPE jridu jsaħħu s-sistemi tas-saħħa biex jagħmluhom aktar reżiljenti fil-każ ta' kriżijiet tas-saħħa bħall-COVID-19. ©Philippe LOPEZ/AFP

- Jiġi stabbilit Mekkaniżmu Ewropew ta' Rispons tas-Saħħa biex jipprepara lill-EU b'mod aktar effettiv
- Sistema Ewropea ta' monitoraġġ, rappurtaġġ u notifikazzjoni hija meħtieġa biex jingħelbu nuqqasijiet ta' mediċini u apparat mediku
- Appoġġ jingħata għad-diġitalizzazzjoni tas-saħħa permezz ta' Rekord Elettroniku Ewropew tas-Saħħa

Biex insolvu n-nuqqasijiet li kixfet il-COVID-19 u niżguraw li s-sistemi tas-saħħa jkunu kapaċi jiffaċċjaw theddidiet futuri għas-saħħa pubblika huwa meħtieġ programm tal-UE għas-saħħa.

Nhar il-Ġimgħa, il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fuq il-proposta tal-Kummissjoni biex iżżid sew l-azzjoni tal-UE fis-settur tas-saħħa, permezz tal-hekk imsejjaħ "Programm EU4Health" b'615-il vot favur, 34 voti kontra u 39 astensjoni.

Il-MPE jgħidu li l-COVID-19 uriet li l-UE għandha bżonn urġenti ta' programm ambizzjuż li jiżgura li s-sistemi tas-saħħa Ewropej ikunu jistgħu jiffaċċjaw theddidiet tas-saħħa futuri biex b'hekk l-UE tibqa' r-reġjun bl-aqwa livell tas-saħħa fid-dinja.

Skont il-Parlament, dan mhuwiex possibbli kieku l-baġit kellu jitnaqqas għal EUR 1.7 biljun, kif propost mill-Istati Membri. Fil-kompromess li ntlaħaq din il-ġimgħa dwar il-baġit fit-tul tal-UE, il-MPE kkonvinnew lill-Kunsill l-biex il-baġit għal dan ikun ittriplikat għal €5.1 biljun.

Theddidiet transkonfinali għas-saħħa

EU4Health huwa maħsub biex jipprepara lill-UE b'mod aħjar għal theddidiet transkonfinali għas-saħħa u biex jgħin lis-sistemi tas-saħħa jsiru aktar reżiljenti. Dan għandu jippermetti li l-UE tiffaċċja mhux biss epidemiji futuri iżda wkoll sfidi fit-tul bħall-popolazzjoni li qed tixjieħ u l-inugwaljanzi fis-saħħa.

Il-MPE jridu kooperazzjoni akbar fil-livell tal-UE biex l-entitajiet differenti jkunu preparati aħjar fil-każ ta' kriżijiet tas-saħħa, u qed jappoġġjaw il-ħolqien ta' Mekkaniżmu Ewropew ta' Rispons għas-Saħħa. Għandu wkoll jinħoloq portal ta' komunikazzjoni tal-UE għall-pubbliku għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni li tkun ġiet verifikata sew, biex joħroġ twissijiet liċ-ċittadini Ewropej u biex jiġġieled d-diżinformazzjoni. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għandu jkollhom mandati aktar b'saħħithom.

Jiġi żgurati li l-mediċini u s-servizzi mediċi jkunu disponibbli u jkunu bi prezz raġonevoli fl-Istati Membri kollha

Il-kriżi tal-COVID-19 ħarġet fid-deher il-ħafna djgħufijiet tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali, inkluża d-dipendenza tagħhom fuq pajjiżi barra mill-UE għall-provvista tal-mediċini, apparat mediku kif ukoll tagħmir ta' protezzjoni personali. Il-programm għalhekk għandu jappoġġja l-iżvilupp ta' sistema Ewropea ta' monitoraġġ, rappurtaġġ, u notifika ta' nuqqasijiet ta' mediċini, apparat mediku, vaċċini, għodod tad-djanjostika, u ta' prodotti oħra tal-kura tas-saħħa. Dan għandu jevita l-frammentazzjoni tas-suq uniku u jiżgura li dawn il-prodotti jkunu aktar disponibbli u jkollhom prezzijiet aktar raġonevoli. Il-ktajjen tal-provvista tagħhom għandhom ikunu wkoll inqas dipendenti fuq pajjiżi barra mill-UE.

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-programm, ir-rapport jipproponi wkoll aktar iffukar fuq il-prevenzjoni tal-mard billi jiġu indirizzati riskji tas-saħħa bħalma huwa l-użu dannuż tal-alkoħol u t-tabakk, sistemi tas-saħħa aktar sodi u ta' kura tas-saħħa diġitalizzati billi jinħoloq u jiġi applikat ir-Rekord Elettroniku Ewropew tas-Saħħa. Il-MPE jridu wkoll isaħħu l-ġlieda tal-UE kontra l-kanċer f'sinerġija mal-Pjan Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Kanċer.

Biex jiġi żgurat li l-programm jiġi implimentat b'mod effettiv, il-MPE qed jipproponu li jiġi stabbilit Grupp ta' Tmexxija li jikkonsisti minn esperti tas-saħħa pubblika indipendenti.

Kwotazzjoni

Wara l-votazzjoni, ir-rapporteur tal-Parlament [Cristian-Silviu Buşoi](#) (PPE, ir-Rumanija) qal: "Il-kriżi tal-COVID-19 kixfet il-ħtieġa għal strumenti tas-saħħa definiti tajjeb u finanzjati kif jixraq. Għandna bżonn ukoll nagħtu spinta lill-innovazzjoni u ninvestu aktar fis-saħħa b'mod ġenerali. Kien kruċjali li żidna l-finanzjament għall-Programm EU4Health min Eur 1.7 biljun għal EUR 5.1 biljun, sabiex inkunu nistgħu niffaċċjaw pandemiji futuri u theddidiet għas-saħħa, u biex nagħmlu s-sistemi tas-saħħa taġġna aktar reżiljenti."

Il-passi li jmiss

Il-Parlament Ewropew issa huwa lest biex jibda negozjati mal-Istati Membri ħalli l-programm ikun jista' jiġi implimentat mill-bidu tal-2021.

Sfond

Fit-28 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ressqet [Programm EU4Health](#) awtonomu għall-2021-2027 bħala parti mill-Pjan ta' Rikupru. Il-Programm tas-Saħħa qabel kien jaqa' taħt il-baġit fit-tul tal-UE 2021-2027 inizjalment bħala element tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).

Għal aktar informazzjoni

[Tappi fil-proċedura](#)

[Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel](#)

[It-test adottat, ikun disponibbli hawnhekk \(13.11.2020\)](#)

[Rapporteur Cristian-Silviu BUŞOI \(PPE, RO\)](#)

[Il-briefing tas-servizzi ta' riċerka tal-PE dwar il-programm EU4Health](#)

Kuntatti

Thomas HAAHR

Press Officer

☎ (+32) 2 28 42976 (BXL)

☎ (+33) 3 881 72033 (STR)

☎ (+32) 470 88 09 87

✉ thomas.haahr@europarl.europa.eu

✉ envi-press@europarl.europa.eu

🐦 [@EP_Environment](https://twitter.com/EP_Environment)
